MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 258/2010

**Mobile Communications Limited – C24655M**

**vs**

**Ruben Borg – ID-544777M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta' Frar tas-sena 2010 fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u erbgha u sittin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€1,064.73) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma' servizzi rezi skont kuntratt bin-numru 423538 u dan ghax-xhur bejn is-sena elfejn u sebgha (2007) u elfejn u disgha (2009), bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-31 ta' Ottubru u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra il-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra illi l-konvenut ghalkemm legalment notifikata baqa’ ma pprezenta l-ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici. Sema’ lill-PL Peter Paul Sammut li bil-gurament tieghu kien ikkonferma illi l-ammont kien ghadu dovut peress li baqa’ ma gie effettwat l-ebda pagament fil-mori ta’ dawn il-proceduri.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie msejjah diversi drabi baqa’ ma deherx, u wisq anqas ressaq provi in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa’ it-talba attrici, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-istess socjeta` attrici s-somma mitluba ta’ elf u erbgha u sittin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€1,064.73) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta’ dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza a karigu ta’ l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------